# Ir-Romantiċiżmu Femminili: Qari mill-Ġdid ta' Dun Karm

# Feminine Romanticism: A Rereading of Dun Karm

**David Aloisio**
david.aloisio@um.edu.mt

**Abstract**

In my paper I attempt to break down a barrier that restricted the interpretation of the most prominent Romantic poet in the Maltese literary context. My rereading of some of Dun Karm's poems goes against the conventional perception that always construed the national poet as the paradigm of the local Romantic era and, as a consequence, as the anathema of a feminist approach vis-à-vis the female characters he depicts in his poetry. Often, critics classify authors into rigid categories that hardly leave any possibility for reinterpretation; however, Thompson, in "Errors and Labors: Feminism and Early Shakespearean Comedy" inquires how even Shakespeare, considered by some as a chauvinist playwright, can also be assessed in this new light. The freeing from the liberal ideology that ironically fosters prejudices towards poets like Dun Karm could pave the way for considering the innovative idea that a male poet's expression may also be "feminine." Mellor in *Gender and Romanticism*, introduces the concept of "feminine Romanticism" and suggests that this does not pertain exclusively to female writers; she explains how poets like Keats expressed feminine feelings in his verses. As Shakespeare and Keats are being reread, I propose the same for Dun Karm.

**Keywords:** Dun Karm; Romantiċiżmu femminili; écriture féminine; kanonu letterarju; kritika Femminista.

L-istudju ta' Simone Galea "A Place Called Home. Women and Philosophy of Education" jistħarreġ il-possibbiltà li n-nisa jsibu spazju u jistabbilixxu "dar" fid-diskors filosofiku dwar l-edukazzjoni (2017, p.2). Fost l-oħrajn, Galea tiddiskuti kif l-interpretazzjoni Femminista tal-parabbola tal-għar wasslet biex dan ir-rakkont Platoniku jitqies bħala miżoġinista: ir-raġel irid joħroġ mill-jasar tal-ambjent femminili tal-għar sabiex jilħaq il-milja intellettiva tiegħu. Iktar ma r-raġel jitbiegħed mill-għar, simbolu tal-ġuf, iktar iżid iċ-ċans li jersaq lejn il-kisba tal-verità. Ovvjament, il-Femministi interpretaw dan bħala turija li sa mill-bidu tagħha, it-tradizzjoni filosofika perpetwalment warrbet lill-ħassieba nisa u, agħar minn hekk, stmathom bħala inferjuri intellettwalment f'konfront mal-irġiel. Iżda l-istudju ta' Galea jmur lil hinn:

hija tuża l-metamorfizzazzjoni tal-għar bħala ġuf sabiex tillustra kif il-qari mill-ġdid ta' din l-allegorija jista' jwassal għal riinterpretazzjoni pożittiva: minn ambjent sterili intelletwalment, l-għar jiġi interpretat, paradossalment, bħala l-ambjent femminili li jippromwovi l-prokreazzjoni u l-kreattività. Għaldaqstant, Galea taqbel ma' Luce Irigaray li temmen li r-rakkont tal-għar-ġuf jista' jiġi pperċepit bħala "strateġija li tfittex li tbiddel in-nisa f'ħallieqa u ġeneraturi ta' għarfien fi ħdan l-ispazji li tippermettilhom l-ordni soċjali" (Galea, 2017, p.4).

Il-kxif ta' dan ir-rwol femminili ridimensjonat jista' jmur lil hinn minn kamp speċifiku: ir-riinterpretazzjoni ta' rakkont fundamentali għall-filosofija jista' jsawwar mill-ġdid il-mod ta' kif il-preżenza femminili tiġi pperċepita wkoll fil-letteratura. Jekk, ngħidu aħna, isir qari mill-ġdid tal-poeżiji ta' Dun Karm, il-paradimma tal-era Romantika Maltija li sa minn ewl id-dinja tqieset bħala l-anatema tal-ottika Femminista, jistgħu jingħelbu l-barrieri li jikkonfinawna f'perspettiva kritika monolitika. Tradizzjonalment, Dun Karm tqies mill-akkademja bħala dak li, minħabba poeżiji bħal "Nudiżmu," "It-Tifla tar-Raba'" jew "Lill-Għonnella," dejjem seddaq l-isterjotip tal-mara ideali tar-raħal f'konfront mal-mara immorali tal-belt.

Huwa possibbli li tinqabeż din il-fruntiera li tillimita l-viżjoni ermenewtika tagħna? Jista' allura Dun Karm jinqara fid-dawl tal-perspettiva friska ta' Irigaray u ta' Galea? Sa mill-konċepiment tagħha, proposta bħal din tiċħad l-idea li l-kitba femminili trid toħroġ neċessarjament mill-pinna femminili. Xi drabi jiġri li maż-żmien l-kritiċi jitfgħu l-awturi fil-konfini ta' garżelli riġidi (anke abbażi tal-ġeneru tagħhom) li qajla jħallu lok għall-interpretazzjoni mill-ġdid ta' xogħlijiethom. Ann Thompson, f'"Errors and Labors: Feminism and Early Shakespearean Comedy," tindaga kif anke awtur bħal William Shakespeare, meqjus minn ħafna bħala drammaturgu xovinista, jista' jiġi vvalutat f'dawl differenti. Ngħidu aħna, fid-drammi *Love's Labor's Lost* u *The Comedy of Errors*, Shakespeare joħloq karattri nisa li huma aktar prattiċi, effiċjenti u intelliġenti mill-karattri rġiel. L-osservazzjonijiet ta' Thompson huma turija li jekk il-kritika tkun flessibbli anke fil-mod ta' kif jiġi pperċepit l-enfasi tax-xogħol inkwistjoni, tista' toħloq ambjent adatt sabiex kittieba tal-imgħoddi jerġgħu jingħataw il-ħajja bil-qari mill-ġdid ta' xogħlijiethom. Bħalma Shakespeare qiegħed jinqara mill-ġdid, hekk ukoll jista' jsir fil-każ ta' Dun Karm li spiss ħassu komdu jipproduċi dik li fis-snin sebgħin il-Femministi Franċiżi bħal Hélène Cixous u Luce Irigaray sejħulha "*écriture féminine*."[1] Biex nestendi s-simboliżmu Platoniku, Dun Karm tant kien komdu ġol-għar li ma ħassx il-ħtieġa li joħroġ minnu, għax fil-kenn tal-għar irnexxielu jaddatta biex xorta waħda jilmaħ id-dawl ta' barra.[2]

1 Skont Cixous l- "*écriture féminine*" ma tappartjeniex lill-awturi nisa biss; bħala eżempji ta' din it-tip ta' kitba hija fil-fatt tuża xogħlijiet ta' William Shakespeare, Heinrich von Kleist u Jean Genet.

2 Hawn ta' min isemmi l-każ ta' Rużar Briffa, ħabib ta' Dun Karm u li miegħu jirrappreżenta r-Romantiċiżmu Malti. Bil-versi tiegħu, Briffa xxennaq biex jerġa' lura lejn il-ġuf; din ix-xewqa rigressiva, li tixhed ukoll dak li qalu Irigaray u Galea fuq il-parabbola tal-għar, tinħass f'poeżiji ta' Briffa bħal "Ilbieraħ" u "Lura."

Jista' awtur raġel jikteb b'vuċi ta' mara? Fost l-ilħna femminili kontemporanji Maltin hemm dak ta' Immanuel Mifsud, awtur li jista' jitqies bħala Femminista. F'diversi xogħlijiet minn tiegħu, Mifsud uża l-ewwel persuna singular femminili b'manjiera tant konvinċenti li jagħmilha ferm diffiċli għall-qarrejja biex jifhmu li n-narrazzjoni ħarġet mill-pinna ta' raġel. Mifsud huwa għalhekk turija konkreta li l-vuċi femminili ma għandhiex titqies bħala legat esklussiv tal-kittieba nisa. Meta Eli Badica saqsiet lil Mifsud dwar il-femminilità tal-iben fir-rumanz *Fl-Isem tal-Missier*, l-awtur wieġeb hekk:

> F'xi punt jew ieħor, dil-parti femminili titla' fil-wiċċ għax ħafna nies jemmnu li għandi vuċi femminili qawwija ħafna. Ħafna nies osservaw li l-karattri nisa tiegħi huma ħafna aktar prominenti minn dawk maskili – li jagħmel dan il-ktieb eċċezzjoni aktar b'saħħitha. Qarrejja nisa qaluli li jistgħu jidentifikaw mal-karattri tiegħi li jidhru nisa reali u mhux kostruwiti. Dan kien wieħed mill-argumenti ewlenin tal-kritika letterarja Femminista bikrija dwar il-kitba maskili, qalu li n-nisa tagħhom ma kinux reali. Kif jirnexxili nagħmel dan? Onestament m'għandix idea. Iżda kien hemm perjodu ta' żmien – sentejn – meta qrajt biss kittieba nisa (2015).

Din "il-parti femminili" aktarx li ilha preżenti fix-xena letterarja Maltija, għalkemm qajla ġiet rikonoxxuta. Jekk in-nisa ma kinux frekwentament u direttament preżenti bħala awturi fil-kanonu letterarju Malti, aktarx li kienu wkoll preżenti b'dan il-mod, preżenza li komprensibbilment mhijiex ideali jew biżżejjed għall-Femministi. Il-femminilità fil-letteratura Maltija ma kinitx totalment assenti proprju għax anke l-kittieba rġiel Maltin tal-era Romantika kienu jiċċelebrawha billi, konxjament jew inkonxjament, jesponu kontinwament b'kitbiethom dak li Anne Mellor sejħitlu "r-Romantiċiżmu femminili" (1993, p.31). Osservazzjoni bħal din, aktar milli twassal għal ristrutturar kanoniku, tista' tipprovoka perċezzjoni Femminista aġġornata ta' kif il-kanonu letterarju Malti jista' jiġi evalwat u fformulat mill-ġdid f'moħħna.

Kif timmanifesta ruħha l-femminilità Dunkarmjana? Fil-poeżija "Biki ta' Omm" Dun Karm juża l-ewwel persuna singular sabiex jinħeba wara l-persona femminili u jittanta jirraġuna b'moħħ ta' omm. Il-karatterizzazzjoni fil-poeżija hija ddominata totalment mill-preżenza femminili; kemm in-narratur kif ukoll in-narratarju huma nisa. Il-femminilità tal-omm li qiegħda titkellem, titħabbeb faċilment mal-femminilità tal-bint indirizzata. Il-kompatibbiltà femminili bejn l-omm u l-bint hija żona emottiva u psikika li naturalment ebda raġel ma jista' qatt ikollu sehem sħiħ fiha. Għalkemm juri li hu konxju minn dan mill-kliem "Żgur ħadd ma jfisser," il-poeta sensittiv xorta waħda jesperimenta bil-vuċi fl-ewwel u fit-tieni persuna sabiex, b'rispett lejn in-nisa u l-femminilità ontoloġika tagħhom, iġarrab, jaħseb, iħoss, jitkellem u jikteb f'isimhom. F'din il-poeżija Dun Karm ma tnaffarx milli jinża' l-maskulinità tiegħu sabiex jidħol f'ġisem u fi psike femminili; hija deċiżjoni kurraġġuża tal-poeta raġel,

aktar u aktar jekk titpoġġa mill-ġdid fil-kuntest soċjokulturali li fih immaterjalizzat ruħha. L-għażliet relattivament avventurużi li għamel Dun Karm fil-proċess tal-kitba ta' "Biki ta' Omm," apparti li jimplikaw element intenzjonat ta' empatija, jevokaw ukoll kemm sens ta' umiltà, kif ukoll ta' ammirazzjoni lejn min kapaċi jġarrab emozzjonijiet b'intensità akbar li tmur lil hinn mill-erlebnis tiegħu. Iktar milli paternalistiku jew kondixxendenti, hawn il-poeta Romantiku jinħass sottomess għal forzi emottivi superjuri għalih għax fil-verità qatt ma jista' jaħkimhom tassew: il-poeta raġel ma jistax jesperjenza l-emozzjonijiet li ħasset l-omm meta kienet tqila b'bintha, meta wilditha, meta rabbietha u bintha lissnet l-ewwel kelma u meta finalment ratha tmut. Dun Karm jipprova jifhem, billi jazzarda jmur lil hinn mil-limiti imposti bijoloġikament fuqu, x'tinvolvi l-femminilità bi kliem bħal:

> Kif intemmejtli f'qasir żmien, maħbuba
> Ta' qalbi, dawl għajnejja! u kif intemmet
> Miegħek għal dejjem il-ħolma sabiħa
>                                         Tal-hena tiegħi.
> Nissiltek u ħabbejtek b'saħħti kollha,
> Binti l-għażiża, u fik, fik biss kien moħħi
> Minn qabel ma twelidtli; għaqli ħlejtu
>                                         Naħseb kif nista'
> Inqiegħdek mill-aħjar malli titwieled.
> Inti għamiltni omm, u x'ħassejt f'qalbi
> Dik il-lejla li smajtek l-ewwel darba
>                                         Tibki ma' ġenbi (1980, p.105)

Hemm aspetti oħra tar-reviżjoniżmu tal-femminilità Dunkarmjana li indirettament ikomplu jseddqu x-xewqa tal-ideal essenzjalment Femminista għal preżenza akbar tal-mara fil-letteratura. Dun Karm, sakemm kien umanament possibbli u sakemm ippermettewlu l-kundizzjonijiet soċjokulturali li għammar fihom, stinka b'kitbietu sabiex il-figura femminili ma tingħatax il-ġenb. Huwa jinvoka l-figura femminili sabiex jimmedita l-purità innoċenti tal-fażi bikrija tal-ħajja (ara "Tfajla" jew "Lil Marija – Tfajla ta' Għaxar Xhur") daqskemm jitnebbaħ minnha sabiex jirrifletti fuq it-tmiem kiebi tal-ħajja (ara "Bewsa" jew "Soru"). Fis-sunett "Wied Qirda," li wkoll jimmedita il-mewt fit-terzini, Dun Karm jagħżel protagonista femminili għall-kwartini: "l-aħħar xbejba – li x-xemx għamlet samra – / titla' b'xi midra jew b'luħ mgħobbija" (2004, p.77). Hawn liberalment seta' inserixxa suġġett maskili, imma l-poeta ried jippreżenta din il-mara bidwija li tant hi ħabrieka li baqgħet taħdem aktar tard mill-bdiewa l-oħrajn (li nassumu li fil-maġġoranza kienu rġiel). Għall-kuntrarju ta' kif ħafna jaħsbu, għal Dun Karm il-ħidma sfiqa tal-mara Maltija ma kinitx limitata għall-konfini tad-dar u għar-rwol tat-trobbija tat-tfal. Hawn il-poeta jofroq l-fruntieri konvenzjonali għax juri mara ddedikata u kapaċi għall-ħidma agrarja daqs jew aktar mir-raġel.

Apparti li jiżviluppa l-motiv tal-omm, il-poeta jesplora aspetti oħra tal-femminilità xi drabi anke b'modi kurjużi. Poeżija li bħal "Biki ta' Omm" tinstema' l-vuċi femminili fl-ewwel persuna imma li din id-darba titlissen mill-perspettiva opposta tal-bint, hija "Mingħajr Omm." Hawn ukoll is-sensittività poetika tempatizza mal-ħsus tal-protagonista femminili. Il-poeta jispekula li l-imħabba paterna, għalkemm ġenwina, qatt ma tista' tieħu post dik materna (li tiġi bħala konsegwenza naturali tar-rabta intrinsika bejn l-omm u l-bint, kif toħroġ ġenwinament, ngħidu aħna, fin-narrazzjoni awtodijeġetika fir-rumanz *Ir-Rota Daret Dawra (Kważi) Sħiħa* ta' Nadia Mifsud Mutschler):

Tmien snin biss għandi, - għadni tarbija
U ġa, jaħasra, - sfajt mingħajr omm;
Iżjed għal qalbi – ma hemmx thennija,
Iżjed daħkani – ma jkunx dal-fomm.
Għandi 'l missieri – qalbu ħanina
Iħobbni mħabba – bħal ta' miġnun.
Imma x'iservi? – Faraġ għalina
Qatt u qatt iżjed – ma jista' jkun (Dun Karm, 1980, p.87).

Iżda xi drabi jiġri li ma ssirx ġustizzja kritika fil-konfront ta' poeti rġiel, l-aktar dawk Romantiċi, li vrushom jiġu kkwotati esklussivament biex isaħħu l-argumentazzjoni sessista, filwaqt li vrus oħra jiġu kapriċċożament injorati. Emery Ross f'"Something Darker Than Love: Language Considerations in the Poems of Pablo Neruda" targumenta li l-poeżiji ta' Neruda, li spiss jitqiesu bħala xovinisti minħabba "l-oġġettivizzazzjoni sesswali" tal-mara u "l-lingwa patrijarkali jew, agħar minn hekk, miżoġinista," jistgħu jiġu interpretati lil hinn minn din it-tip ta' kritika limitata li ma tqisx il-kuntest storikokulturali u elementi essenzjali oħra bħall-ineżattezzi fit-traduzzjoni (Ross, 2014). Fost l-oħrajn, Ross issemmi lil Dominic Moran u Margaret Persin li jiddefendu lill-akbar poeta Ċilen f'dan il-konfront billi jipproponu l-qari mill-ġdid ta' xogħlijietu b'sensittivita akbar għall-intenzjonijiet tiegħu, bħal, ngħidu aħna, dik li jittratta t-tematika sesswali fil-poeżija sabiex jisfida l-forzi politikosoċjali ta' żmienu. Leħen poetiku korrispondenti iżda f'kuntest kulturali ferm differenti huwa dak ta' Niżar Qabbani, wieħed mill-aqwa poeti Għarab tas-seklu 20. Bħal Neruda, Qabbani spiss kiteb versi dwar il-mara; skont Ivana Peric f'"The Feminism of Nizar Qabbani" dan il-poeta Għarbi wkoll ppreżenta "immaġini kuraġġużi u senswali li invokaw is-sbuħija tan-nisa, ta' ġisimhom għarwien u tas-sesswalità ħielsa tagħhom" (2014) kif ftit jew wisq għamel Dun Karm fil-poeżija bl-isem suġġestiv ta' "Xenqet ir-Raba'" fejn sider it-tfajla bidwija "jiżfen mal-mixja" u ġenbejha "jaqbżu/ Ma' kull medda ta' riġel" (1980, p.187). Peric tikkowota lil Wen-chin Ouyang li jqabbel lil Qabbani ma' Neruda għax skontu, it-tnejn ma jirnexxilihomx "jiddivorzjaw il-mara min-nazzjon," kwalità li faċilment tista' tiġi attribwita wkoll lil Dun Karm. Għaldaqstant, il-kritika letterarja

tinsab f'pożizzjoni vantaġġuża sabiex tevalwa aħjar ix-xogħlijiet "femminili" ta' din ix-xorti ta' poeti li t-trattament tagħhom tal-mara għandu skop usa'. Bħalma għamel Dun Karm f'"Biki ta' Omm" u "Mingħajr Omm," hekk ukoll għamel Qabbani f'xi xogħlijiet minn tiegħu: il-poeta raġel isir mara permezz tal-poeżija. Fl-artiklu tagħha, Peric tikkwota dawn il-versi ta' Qabbani:

Jiena mara
Jiena mara
Il-jum li fih wasalt f'did-dinja
Sibt ma' wiċċi s-sentenza tal-eżekuzzjoni tiegħi
Filwaqt li ma rajtx il-bibien tal-qorti tiegħi
Filwaqt li ma rajtx l-uċuħ tal-imħallfin tiegħi (Qabbani, 2014).

L-anafora inizjali hija proprju intenzjonata sabiex tenfasizza d-dewbien tal-identità maskili u l-assimilazzjoni sħiħa ta' dik femminili sabiex Qabbani jagħti vuċi lin-nisa Għarab li qajla tħallew jesprimu rwieħhom fil-kuntest soċjali Sirjan. Peric tikkummenta li "permezz tal-poeżija ta' Qabbani, dawn in-nisa kienu ammirati, irrispettati, u mfaħħra" (2014), osservazzjoni li wkoll tista' tiġi applikata fil-konfront ta' Dun Karm. Dan għaliex il-poeta Malti ssublimizza lill-mara billi għollieha fuq il-pedestall tal-uman ideali u saħansitra ssuġġerixxi li hija aħjar mir-raġel. F'"In-Nissieġa," il-poeta jeżalta il-bżulija femminili, tant li jpoġġiha fil-livell divin ta' "Omm Alla," filwaqt li jikkundanna l-għażż maskili. Dan il-kuntrast huwa espliċitu l-aktar fl-aħħar żewġ strofi kuntrastanti tal-poeżija,

Il-għażżien biss li jmur mifluġ fis-sodda,
Mifluġ iqum u 'l hawn u 'l hinn jitlajja;
Il-għażżien biss jisraq m'nn idejn ħaddieħor
Il-ħobż li jiekol.
Aħdem, ja xbejba, u f'nofsinhar istaħja;
Iżjed hu bnin il-ħobż jekk qlajtu b'ħiltek.
Omm Alla, iftakar, f'din id-dinja kienet
Ħaddiema bħalek (Dun Karm, 1980, p. 149).

Fil-poeżija "Waħda Biss ...," Dun Karm jerġa' jikkuntrasta l-figura femminili ma' dik tar-raġel. Il-ġenwinità antiteka tal-"mara tad-dnub" tispikka viċin il-viljakkerija tal-irġiel; il-massa ta' rġiel bigotti li ċaħdu lil Kristu tistona ħdejn il-mara li waħedha sfidat il-forzi soċjali li ppromulgaw l-oppressjoni tan-nisa u użat il-femminilità tagħha biex tesprimi l-ogħla sentimenti umani. L-aħħar parti tal-poeżija tikxef id-disparità sesswali u l-iżbilanċ preferenzjali Dunkarmjan favur il-figura femminili. L-irġiel ingrati waslu biex ċaħdu lil Kristu filwaqt li l-mara wettqet miegħu l-opri tal-ħniena:

ħadd minnhom – mill-elf illi fiequ, -
ħadd minnhom – mill-elf illi għajtu
"Hosanna!" - ma daħal għalih,
ma għenu, ma sabbru, ma ħjieh,
ma tala' fuq l-għolja tal-waħx.

Waħda biss,
waħda
li kienet il-mara tad-dnub,
li ħabbet, li xegħret, li nħafret,
wennsitu lil dak il-mislub
sal-aħħar, sat-tmiem
u f'niket bla kliem,
imgħannqa mal-għuda mifdija,
fuq ir-riġlejn tal-mejjet
aktar mill-balzmu jfuħ
xerrdet qalbha fi dmugħ. (Dun Karm, 1980, p.366).

Dun Karm saħansitra jinnewtralizza l-klixè tat-taqbida klassika Femminista kontra l-idea tas-superjorità fiżika maskili li skont Peggy Rice għadha tiġi pperċepita bħala stat ta' fatt anke fi żminijietna. (2000, p.211). F'"It-Tifla tar-Raba'," minbarra li jidentifika għadd ta' kwalitajiet karatterjali pożittivi, il-poeta raġel jisfida mill-ġdid il-kurrenti tradizzjonali meta "jgħir" għas-saħħa fiżika tas-suġġett femminili,

Jien rajtek kemm-il darba u għirt għall-qawwa
Ta' dirgħajk u riġlejk, ja bint ir-raba';
Rajtek hienja u daħkana s-sjuf u x-xtiewi
Tbakkar u tishar (Dun Karm, 1980, p. 174).

Iżda għax miktuba minn poeta Romantiku u raġel, versi bħal dawn faċilment jitwarrbu minn kritiċi b'aġenda speċifika (bħal dik Femminista) bil-konsegwenza sfortunata li jirriduċu l-kanonu letterarju għal fdal ta' oppressjoni minn dawk li l-antikanonisti jsejħulhom "l-Irġiel Ewropew Bojod u Mejtin" (Bloom, 1997, p.xviii). Naqbel ma' Jonathan Wolff li l-istudenti għandhom jiġu esposti kemm għal kittieba mejtin irġiel, kif ukoll nisa (2016). Iżda naqbel ukoll mal-idea li x-xogħlijiet ta' dawn l-irġiel jerġgħu jinqraw mingħajr il-preġudizzji li, ironikament, il-ħsieb psewdopluralista rawwem fostna l-aħħar deċennji. Il-ħelsien minn ideoloġija oppressiva bħal din jista' għalhekk iwassal għall-għarfien tal-idea li l-espressjoni ta' poeta raġel tista' tkun femminili wkoll (għalkemm m'iniex nimplika li tkun femminili *daqs* dik ta' poeta mara).

Permezz tal-kunċett tar-"Romantiċiżmu femminili," Mellor tispjega kif poeta bħal John Keats esprima ħsus essenzjalment femminili fil-poeżiji tiegħu (1993, p.129), filwaqt li kittieba nisa bħal Emily Bronte setgħu ħaddnu "Romantiċiżmu maskili" (p.189). Ir-rispett lejn id-dinjità tal-mara, il-bżonn li l-femminilità tieħu sehem kontinwu fil-proċess kreattiv tal-kitba letterarja u l-esplorazzjoni bla waqfien u bla riedni tal-"jien" femminili potenzjalment jistgħu jappartjenu lill-kittieba letterarji kollha, irrespittivament mill-ġeneru tagħhom. Il-kittieba, kif jgħid Jonathan Culler, jistgħu jħaddmu "l-etika tal-alterità" (2011, p.121) sabiex xogħlijiethom ikunu rappreżentattivi mhux biss tal-grupp li jappartjenu strettament għalih imma ta' kull grupp ieħor li jaqa' taħt il-kappa tat-tiġrib uman.  Allura, ir-riinterpretazzjoni tal-kanonu tradizzjonali tista' tikxef preżenza massiċċa tal-element femminili fil-letteratura Maltija.

Lawrence Buell isaqsi jekk ir-reviżjoniżmu Femminista għandux joħloq mill-ġdid il-kanoni u fuq kollox jekk għandux jirrifjuta li jissieħeb mal-idea tal-kanonu abbażi tal-fatt li kanonu ġdid li jissimpatizza mal-kittieba nisa xorta jimplika "bażi androċentrika" (1987, p. ]102). Hawn it-teorista jwieġeb lilu nnifsu meta jistqarr, "Essenzjalment, l-esperjenzi letterarji taż-żewġ ġeneri, bħall-esperjenzi soċjali tagħhom, huma inseparabbli; u fl-inseparabbiltà tagħhom huma spiss idawlu lil xulxin b'modi aktar pożittivi milli negattivi" (p.104). Hawn nikkondividi l-perspettiva ta' Buell għax nemmen li l-kitbiet tal-irġiel, kif urejt b'dan l-istudju, jikkumplimentaw l-kitbiet tan-nisa aktar milli jidħlu f'tellieqa kanonika magħhom, tant li jiffurmaw parti essenzjali u, x'aktarx neċessarja u indispensabbli, mill-hekk imsejħa "*écriture féminine*." Kif argumentajt, dan il-fenomenu ta' konverġenza jista' jkun mezz sabiex titwessa' l-ottika dejqa u preġudikata ta' min jiddarras mill-kunċett ta' "kanonu letterarju Malti" għax dejjem assoċjah mad-dominanza maskili.

## Referenzi


Bloom, H. (1997). *The Anxiety of Influence: A Theory of Poetry.* Oxford: Oxford University Press.

Buell, L. (1987). "The Extra: Literary History Without Sexism? Feminist Studies and Canonical Reconception", *American Literature*, 59(1).

Culler, J. (2011). *Literary Theory: A Very Short Introduction*. Oxford: Oxford University Press.

Dun Karm (1980). Fl-antoloġija ta' O. Friggieri, *Dun Karm – Il-Poeżiji Miġbura*, Malta: KKM.

Dun Karm (2004). Fl-antoloġija ta' O. Friggieri, *Il-Poeżija Maltija*, Malta: University Publishers.

Galea, S. (2017). A Place Called Home. Women and Philosophy of Education. *Educational Philosophy and Theory*. Disponibbli f'doi.org/10.1080/00131857.2017.1359781, p.2 [Moqri fit-2 ta' Frar 2018].

Mellor, A. (1993). *Romanticism and Gender*. New York & London: Routledge.

Mifsud Mutschler, N. (2017). *Ir-Rota Daret Dawra (Kważi) Sħiħa.* Malta: Merlin.

Mifsud, I. Intervistat minn Eli Badica (2015). Interview with Immanuel Mifsud: 'I'm always embarrassed to say how I became a writer'. *bookaholic.ro*. Disponibbli f'www.bookaholic.

ro/interview-with-immanuel-mifsud-im-always-embarrassed-to-say-how-i-became-a-writer.html [Moqri fit-18 ta' Frar 2017].

Peric, I. (2014). The Feminism of Nizar Qabbani. *muftah.org*. Disponibbli f'www.muftah.org/feminism-nizar-qabbani/#.WkdJF9-nHIV [Moqri fis-6 ta' Mejju 2017].

Qabbani, N. (2000). Ikkwotat minn Peggy Rice f'Gendered Readings of a Traditional "Feminist" Folktale by Sixth-Grade Boys and Girls. *Journal of Literacy Research*, 32(2), 211–236.

Rice, P. (2000). Gendered Readings of a Traditional "Feminist" Folktale by Sixth-Grade Boys and Girls. *Journal of Literacy Research*, 32(2), 211–236.

Ross, E. (2014). Something Darker Than Love: Language Considerations in the Poems of Pablo Neruda. *emeryross.wordpress.com*. Disponibbli f'www.emeryross.files.wordpress.com/2014/04/something-darker-than-love [Moqri fl-4 ta' Settembru 2017].

Thompson, A. (1999). Errors and Labors: Feminism and Early Shakespearean Comedy. *enotes.com*. Disponibbli f'www.enotes.com/topics/william-shakespeare/critical-essays/errors-and-labors-feminism-and-early [Moqri fis-7 ta' Settembru 2017].

Wolff, J. (2016). Students don't mind studying dead white men, but they want dead women too. *theguardian.com*. Disponibbli f'theguardian.com/education/2016/jul/19/students-studying-dead-white-men-women-higher-education-syllabus [ Moqri fis-7 ta' Lulju 2018].

## Bio-note

**David Aloisio** is senior lecturer of Maltese language and literature at the University of Malta Junior College. Presently, he is reading a PhD with the University of Malta entitled *Dialectic of the Canon: the Maltese Literary Context.* He has participated in conferences, wrote papers and published books mostly related to the teaching of Maltese literature. In 2015, he won a national award for his satirical work *Only in Ħal Biżarr* as best original work in the category of books for adolescents. His research interests are focused on the relationship, often anxious, between literary works and how they are organised, consciously or unconsciously, by the collective psyche in unofficial lists or else in literary canons.